**Minuti tal-Laqgħa nru 44 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 22 ta' Lulju 2010 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.15 | 10.15 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.25 | 10.15 |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.10 | 10.15 |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.10 | 10.15 |
| Kunsillier Dr Shirley Farrugia | 7.55 | 10.15 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.05 | 10.15 |
| Kunsillier Paul Agius | 7.00 | 10.15 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.30 | 10.15 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.55 | 10.15 |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | - |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.05 | 10.15 |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Noel Cini kien preżenti għal-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-laqgħa li l-Kunsillier John Mary Camilleri kien bagħat ittra, f' liema ittra kien qed jitlob li jiġi skużat milli jattendi, u dan minħabba xogħol. Il-Kunsill aċċetta t-talba tal-Kunisllier Camilleri.

Wara dan is-Sindku talab sospenzjoni tal-laqgħa sabiex iċ-Chairman tal-Kumitat tal-Kuntratti, il-Perit Alfred Grech jippreżenta r-rapport tiegħu dwar l-għażla ta' perit għall-kunisll. Hawn il-Kunisllier Demartino oġġezzjona għal dan u qal li item ta' ċerta importanza bħal din messa tpoġġiet bħala item fuq l-aġenda. Il-Viċi Sindku qalet li din l-materja kienet toħroġ mill-item Tagħrif mill-Minuti, u dan minħabba li din kienet ġiet diskussa fis-seduta preċedenti. Is-Sindku min-naħa tiegħu qal li l-Kunsill seta jissospendi s-seduta sabiex tiġi diskussa din il-materja.

Wara li saret diskussjoni minn dawk preżenti dwar dan, il-Kunsill iddeċieda li kellha ssir laqgħa apposta nhar l-Erbgħa, 4 ta' Awwissu 2010 fis-7.30pm, f' liema laqgħa kellha tiġi diskussa din il-materja.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 43**

1.01 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u s-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kienx hemm xi korrezzjonijiet. Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet is-Sindku ppropona li dawn il-minuti jiġu approvati. Il-minuti tal-laqgħa preċendenti kienu approvati unanimament.

**2.00 Tagħrif mill-Minuti**

2.01 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jibgħat reminder dwar it-talba li kien għamel dwar il-guardianship tan-nuclear shelter, u anke dwar il-youth empowerment centre. Is-Sindku qal li mhux sew li l-Kunsill jintalab iwieġeb dejjem b' mod urġenti filwaqt li l-awtoritajiet u entitajiet oħra jibqgħu ma jagħtux ir-risposta għal dak li jkun talab il-Kunsill.

2.02 Hawnhekk il-Kunsillier Grech talab sospenzjoni tal-laqgħa sabiex issir preżentazzjoni dwar il-festa mis-Sur Mario Farrugia, President tal-Għaqda Piroteknika 15 ta' Awwissu. Dan ta lill-Kunsill xi dettalji dwar kif kien ser jintrama n-nar tal-art permezz ta' pjanta li poġġa fuq il-

mejda. Fl-aħħar tal-preżentazzjoni tiegħu huwa talab lill-Kunisll sabiex titħaffer toqba addizzjonali fil-parkeġġ minħabba arblu għan-nar tal-art, kif ukoll talab lill-Kunisll sabiex jiffinanzja l-provvista ta' fire engine, u s-servizz ta' wardens għal waqt il-ħruq tan-nar tal-art.

2.03 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li permezz tal-emendi l-ġodda li kienu saru fil-liġi tal-kunsilli lokali, il-kunsill issa ma setax jagħmel donazzjonijiet - la fi flus u anqas in kind.

2.04 Il-Kunsillier Grech qal li sa mill-bidu tiegħu, il-kunsill dejjem kien għen fl-organizzazzjoni tal-festa u dan minħabba li l-festa tar-raħal kienet titgawda mill-komunita` kummerċjali, mill-Mostin kollha u dawk kollha li kienu jiġu għall-festa.

2.05 Wara li saret diskussjoni dwar dan il-Kunisll qabel li tinkiteb ittra lid-Dipartiment għal-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill setax jagħti l-għajnuna li kienet qed tintalab dwar il-fire engine u l-wardens.

## 3.00 Materji Finanzjarji

3.01 Il-Kunsill approva lista ta' pagamenti urġenti li jammontaw għal ewro 170,448.31 u lista oħra ta' ħlasijiet li tammonta għal ewro 61,295.56.

## 4.00 Korrispondenza

4.01 Giet preżentata lista ta' 25 ittra/email – liema lista tqassmet ukoll lill-Kunsillieri kollha. Inqraw l-ittri u l-emails kolllha u ġiet immarkata l-azzjoni li trid tittieħed fuq kull korrispondenza skond il-lista annessa ma' dawn il-minuti.

4.02 Dwar item 16 fuq il-lista, li kienet ittra mill-UHM dwar l-għoti tal-performance bonus sħieħ lill-impjegati, il-Kunsillier Farrugia talbet li qabel ma l-kunsill jieħu deċizjoni, għandhom jinġiebu l-assessments li kienu saru fuq il-ħaddiema.

4.03 Il-Kunsill waqt li qabel ma dan, iddeċieda wkoll li din il-materja tkun item fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tal-Kunsill li jmiss.

## 5.00 Gieħ il-Mosta

5.01 Is-Sindku qal li r-rapport li kien tqassam lill-kunsillieri kien ġie preparat mis-Sinjuri Philip Borg, Joe Cristina u l-Prof George Cassar. Hawn stieden lil dawk preżenti sabiex jagħmlu l-kummenti tagħhom dwar ir-rapport ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-għoti ta' Gieħ i-Mosta.

5.02 Il-Kunsillier Demartino tkellem dwar numru ta' punti li jidhru fir-rapport preżentat dwar il-kriterji proposti li fuqhm kellu jingħata Gieħ il-Mosta u wara li tqajjmet diskussjoni dwar dan ir-rapport il-Kunsill iddeċieda li dan l-item jiġi diskuss fil-laqgħa li kienet ser issir nhar l-Erbgħa, 4 ta' Awwissu 2010 kif maqbul aktar 'il fuq.

## 6.00 EU Affairs (Dr Charles Attard)

6.01 Is-Sindku qal li l-Kunsill qed ikollu ħafna okkażżjonijiet li japplika għal fondi mill-Unjoni Ewropea biss minħabba nuqqas ta' riżorsi umani, speċjalizzati f' dan il-qasam mhux qed ikun possibbli li l-Kunsill jibbenifika minn dawn l-fondi Hawn ippropona li l-Kunsill iqabbad lis-Sinjuri Charles Attard u Stephen Vella sabiex meta jkun hemm il-bżonn dawn jiġu kkummissjonati mill-Kunsill sabiex jagħmlu l-applikazzjonijiet u r-rapporti meħtieġa.

6.06 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irid ikun jaf minn qabel dawn il-persuni kemm ser jitolbu bħala ħlas għax jista' jkun il-każ li jkollha tinħareġ sejħa għal stimi jew għall-offerti. Is-Sindku qal li l-ħlasijiet tagħhom dawn mhux ser ikunu aktar minn 500.00 ewro.

**7.00 Memo 21/2010 – Skema Restawr Postijiet Storiċi**

7.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien infurmat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-Kunsill kien ingħata s-somma ta' 10,000.00 ewro taħt din l-iskema. Qal ukoll li diġa' kien identifika 3 niċeċ minn dawk li kien ippropona l-Kunsill meta ntbagħtet l-applikazzjoni. Informa wkoll lill-Kunsill li kien diġa` ġab il-kunsens tal-propjetarji ta' dawn in-niċeċ sabiex il-kunsill ikun jista' jagħmel ix-xogħol meħtieġ fuqhom, u qal li kien talab lill-Perit Charles Buhagiar sabiex jippepara d-dokument tal-offerti għal dan ix-xogħol minħabba li dawn riedu jitlestew sa l-aħħar tas-sena.

**8.00 Affarijiet Oħra**

8.01 Is-Sindku tkellem dwar il-website li kellu l-Kunisll u qal li kien ġab stima sabiex issir website ġdida. Is-Sindku ta' indikazzjonijiet dwar prezzijiet sabiex issir websie ġdida u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li b' dawn il-prezzijiet ikun hemm il-ħtieġa li l-Kunsill joħroġ sejħa għal stimi u dan skont ir-regolamenti maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

8.02 Il-Kunsillier Agius tkellem dwar il-ġbir ta' skart separat u qal li t-tunellaġġ li qed jinġabar fil-preżent kien irdoppja minn Jannar sa Mejju. Qal ukoll li l-kumpanija Green MT kienet issuġġeriet li jsir proġett pilota f' żona fil-Mosta fejn jitpoġġew numru ta' bins apposta għal ħġieġ. Il-Kunsillier Agius qal li qed jipproponi li dan il-proġett pilota jsir f' Santa Margerita. Il-Kunsillier Agius qal ukoll li l-Kunsill kien ser jibbenifika minn qliegħ li kienet għamlet il-Green MT mill-bejgħ ta' l-iskart separat, u li minn dawn il-fondi kien ser ikun finanzjat ix-xogħol tal-parquet fuq l-art fis-sala tal-Kunsill.

8.03 Fuq talba tal-Viċi Sindku, il-Kunsill approva li ssir applikazzjoni sabiex titwaħħal bozza fi Triq l-Isperanza biswit ir-residenza Valley View. Hija qalet li din it-talba kienet saritilha minn grupp ta' residenti tal-area.

8.04 Il-Kunsilleir Agius qal li l-Kunsill kien talab għal xi stimi dwar qtugħ ta' ħaxix u qal li kienu ntefgħu żewġ stimi – waħda mingħand l-ELC li tammonta għal 3,845.00 ewro, u oħra mingħand is-Sur Wilson Mifsud li tammonta għal 2,720.00 ewro. Wara li saret diskussjoni qasira il-Kunsill qabel li għalkemm l-offerta tal-ELC kienet aktar għolja kien ser jaccettha, u dan minħabba l-fatt li dawn dejjem qdew lill-Kunsill kif xieraq u kienu dejjem pronti u effiċjenti kull meta l-Kunsill kien talabhom li jagħmlu xi ħaġa.

8.05 Il-Kunsillier Grech tkellem dwar attivita` ta' boxing li qed jorganizza l-Kunisll b' ghan filantropiku u talab l-approvazzjoni sabiex jinkera boxing ring u PA system. Din it-talba kienet approvata.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.15 p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Noel Cini
Aġent Segretarju Eżekuttiv